***31 ta' Ottubru, 1960***

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M, B.Litt., LL.D.**

Filomena Bonnett

*versus*

Joseph Spiteri

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Żgumbrament — Revoka — Xogħolijiet fil-fond offert bħala "alternative accomodation" — Ġudikat — Prova — Membri Tekniċi tal-Board**

*Jekk l-intimat, li jiġi notifikat b'mandat ta' żgumbrament maħruġ kontra tiegħu in eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Board tal-Kera, jagħmel rikors għar-revoka ta' dak il-mandat fuq il-motiv li l-istess huwa null għax ġ'e ottenut orrettizjament, u dak ir-rikors jiġi riġettat, id-digriet l' jiċħad dik it-talba ma jikkostitwix ġudikat li jostakola l-azzjoni li dak l-intimat jagħmel quddiem it-tribunal ordinarju għar-revoka ġa mitluba b'dak ir-rikors u miċħuda b'dak id-digriet.*

*Meta sentenza mogħtija minn tribunal speċjal', bħal ma huwa l-Board tal-Kera, tivvijola xi prinċipju tal-ġustizzja naturali, u ma jkunx hemm appell statutorju minnha, dik is-sentenza hija sindakabbli mill-Qrati ordinarji. Jekk tkun saret din il-vjolazzjoni, il-konsegwenza hija li s-sentenza tkun nulla, u kwistjoni simili teżorbita mill-ġurisdizzjoni tat-tribunali speċjali u tappartjeni lill-Qrati ordinarji; u japplika anki għad-d'grieti, speċjalment għal dawk kamerali.*

*Jekk il-Board tal-Kera jkun laqa' t-talba tas-sid għar-ripreża ta' pussess ta' fond bil-kond zzjoni li s-sid jagħmel xi xogħolijiet fil-fond offert bħala "alternative accomodation", u r-rikorrent jottjeni l-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament kontra l-intimat meta ma jkunx adempixxa l-kondizzjoni mposta fis-sentenza, il-mandat ikun ġie ottenut or-*

*retilizjament, u huwa għalhekk null. Ix-xogħolijiet li r-rikorrent ikollu jagħmel in konformità mas-sentenza għandhom isiru kif wieħed għandu loġikament jifhem li għandhom isiru; u jekk l-eżekuzzjoni tagħhom tkun tir-rikjedi, għall-eżiġenzi sanitarji, xi xogħolijiet oħra, dawn għandhom neċessarjament jiġu wkoll ritenuti kompriżi fis-sentenza tal-Board.*

*U mhix ammissibbli l-produzzjoni tal-periti tal-Board biex jgħidu liema xogħolijiet huma kompriżi fis-sentenza; għax mhix ammissibbli l-produzzjoni ta' membru ta' tribunal jew ta' Qorti biex jagħti nterpretazzjoni ta' deċiżjoni li hu jkun ħa parti fiha.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi b'sentenza tal-31 ta' Mejju 1960, fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Spiteri vs. Filomena armla Bonnett", il-Board li Jirregola l-Kera awtorizza lil Joseph Spiteri jieħu pussess tal-fond 45 Cardinal Sciberras Street, Hamrun, taħt il-kondizzjoni li jkun hemm "available" għal Filomena armla Bonnett il-flat 1/11 Barth Street, Hamrun, purkè Joseph Spiteri jibni gabinett tal-injam biex id-W.C. ma jibqgħax mikxuf, barra kondizzjonijiet oħra, u ta lil Filomena armla Bonnett żmien ta' xahar mian dak inhar li permezz ta' att uffiċjali Joseph Spiteri jkun avżaha li x-xogħol huwa lest biex tmur fil-flat 1/11 Barth Street, Hamrun; illi b'ittra bonarja tat-28 ta' Ġunju 1960 Joseph Spiteri qal lil Filomena Bonnett biex tmur tieħu minn għandu ċ-ċavetta tal-post imsemmi; illi b'ittra uffiċjali tat-18 ta' Lulju 1960 l-attriċi nnotifikat lill-konvenut li x-xogħolijiet li għamel fil-post imsemmi ma kienux skond it-termini tas-sentenza fuq imsemmija tal-Board li Jirregola l-Kera tal-31 ta' Mejju 1960, u li in mankanza tax-xogħolijiet ordnati fl-istess sentenza l-post imsemmi ma jkunx "suitable" għaliha; illi b'rikors tas-26 ta' Lulju 1960 Joseph Spiteri talab li l-Board joħroġ mandat ta' żgumbrament kontra Filomena armla Bonnett, u l-attriċi ġiet mogħtija żmien sat-3 ta' Awissu 1960 biex tiżgombra; illi l-attriċi għamlet rikors biex titlob lill-Board li l-mandat ta' żgumbrament jiġi revokat "contrario imperio", billi l-

konvenut ma ottemperax ruħu skond is-sentenza tal-Board, liema rikors ġie miċħud b'digriet tat-3 ta' Awissu 1960; talbet (1) li jiġi dikjarat minn dik il-Qorti illi l-mandat ta' żgumbrament maħruġ mill-Board li Jirregola l-Kera fis-26 ta' Lulju 1960, fuq talba tal-konvenut, ġie ottenut orrettiżjament, billi x-xogħolijiet ordnati bis-sentenza tal-Board tal-31 ta' Mejju 1960, fl-ismijiet "Spiteri vs. Bonnett", ma ġewx eżegwiti skond l-istess sentenza, u anki għaliex l-istess konvenut ma nnotifikax lill-attriċi b'att uffiċjali, skond kif ordnat l-istess sentenza tal-Board, li dawn ix-xogħolijiet ikunu tlestew, fil-waqt li intempestivament għamel rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' żgumbrament; (2) u illi konsegwentement tordna r-revoka tal-istess mandat ta' żgumbrament tas-26 ta' Lulju 1960. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Awissu 1960, li biha, wara li hija asteniet milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari relattivi għall-iskadenza tat-terminu u għall-irritwalità tat-tieni talba, billi dawn ġew rinunzjati skond il-verbal fol. 56, laqgħet l-ewwel talba, u ddikjarat null u inattendibbli l-mandat ta' żgumbrament maħruġ mill-Board li Jirregola l-Kera fis-26 ta' Awissu 1960 kontra l-attriċi, peress li ma ġietx adempjuta mill-konvenut il-kondizzjoni lilu mposta dwar id-W.C. fis-sentenza fuq imsemmija tal-31 ta' Mejju 1960; u laqgħet it-tieni talba; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Dik il-Qorti kkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-"non bis in idem";

Illi din l-eċċezzjoni tfisser illi d-deċiżjoni mogħtija mill-Board tal-Kera fit-3 ta' Awissu 1960, li biha ġiet respinta t-talba tal-attriċi għar-revoka tal-mandat ta' żgumbrament tikkostitwixxi "res judicata"; iżda din il-pretensjoni mhix sostenibbli. Difatti, kif jingħad fl-istess nota tal-eċċezzjonijiet, si tratta ta' digriet, li minnu ma joħroġx il-ġudikat bħal ma joħroġ minn sentenza li tiddirimi l-kontroversja. Il-konvenut ma kkwalifikax x'digriet hu; iżda sew jekk hu

digriet kamerali (kif fil-fatt hu), sew jekk digriet interlokutorju (u dan mhux tali, għaliex jirrigwarda proċedura li saret "wara" li ġiet mogħtija s-sentenza), il-konklużjoni ma titbiddelx;

Kwantu għad-digriet interlokutorju, dan jista' jiġi varjat għal raġunijiet tajba (art. 228 Proċ. Ċiv.); u rigward id-digriet kamerali, skond il-prattika kostanti rikonoxxuta mill-ġurisprudenza, jista' jiġi mpunjat permezz ta' ċitazzjoni, kif għamlet preċiżament l-attriċi;

Xejn ma jiswa illi si tratta ta' digriet mogħti mill-Board tal-Kera, li huwa tribunal speċjali; għaliex hu ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza illi, meta sentenza mogħtija minn tribunat simili tivvijola l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, jekk ma jkunx hemm appell statutorju minnha, dik is-sentenza hija sindakabbli mill-Qrati ordinarji (Kollez. XXXV-II-514; XXXVII-II-675). Fil-każ tagħna, appell statutorju ma kienx hemm, trattandosi ta' digriet kamerali wara s-sentenza; mbgħad, milli jidher, ma ġietx mill-Board osservata waħda mir-regoli tal-ġustizzja naturali, meta rrespinġa t-talba tal-attriċi fuq sempliċi dikjarazzjoni ta' perit "ex parte" imqabbad mill-konvenut, mingħajr lanqas ma ġiet konfermata bil-ġurament tal-istess perit, u dan kuntrarjament għall-prinċipju illi l-ġudikant "should not act on 'ex parte' evidence" (Halsbury, Laws of England, Vol. IV, para. 910, Hailsham Edition). Di pjù, jekk saret din il-vjolazzjoni tal-ġustizzja naturali, il-konsegwenza hija illi teżorbita mill-ġurisdizzjoni ta' tribunal speċjali, u tappartjeni lill-Qrati ordinarji (Kollez. XXXIII-I-49) — prinċipju dan li ndubbjament japplika anki għad-digrieti, speċjalment għal dawk kamerali, għaliex diversament ma jkunx hemm ebda rimedju biex dawn jiġu ġuridikament kontrollati, u għall-bżonn rettifikati. Ta' min josserva, mbgħad, illi l-impunjattiva promossa mill-attriċi hija bażata fuq il-vizzju tal-azzjoni, li ġġib magħha l-invalidità tal-att impunjat (arg. art. 486) (a) Proċ. Ċiv.);

Illi minn dan tinżel il-konsegwenza illi d-digriet "de quo" ma jikkostitwix "res judicata", u l-attriċi, għalhekk,

mhix prekluża milli timpunjah skond il-liġi, kif qegħdha tagħmel;

Għaldaqstant, il-preġudizzjali opposta mill-konvenut mhix sostenibbli, u qegħdha tiġi respinta; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Ikkunsidrat, fil-meritu, rigward l-ewwel domanda;

Illi l-fatti li pprećedew u taw lok għal din il-kawża huma, fil-qosor, dawn. Il-konvenut (allura rikorrent) talab, quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, li jiġi awtorizzat jieħu pussess tal-fond mikri għand l-attriċi (allura intimata), u offrielha bħala "alternative accomodation" il-flat nru. 1/11 Barth Street, Hamrun . . . Fuq daqshekk il-Board, fis-sentenza tiegħu tal-31 ta' Mejju 1960, wara li ppremetta illi "ir-rikorrent obliga ruħu li jibni gabinett tal-injam biex id-W.C. ma jibqgħax mikxuf", . . . laqa' t-talba tal-konvenut taħt il-kondizzjoni illi jkun hemm "available" għall-intimata l-flat 1/11 Barth Street, Hamrun, purkè r-rikorrent jibni gabinett tal-injam biex id-W.C. ma jibqgħax mikxuf. B'nota tal-20 ta' Gunju 1960, il-konvenut iddikjara li kkonforma ruħu mas-sentenza u lesta x-xogħol; liema nota ġiet lill-attriċi notifikata fit-22 tal-istess xahar. Fit-22 ta' Lulju sussegwenti, billi l-attriċi ma ħarġetx mill-fond, il-konvenut irrikorra quddiem il-Board biex joħroġ mandat ta' żgumbrament għaliex ix-xogħol kien lest, skond ċertifikat tal-I.Ċ.A. Michael Attard anness mar-rikors. Fis-26 ta' Lulju il-Board ħareġ l-iżgumbrament; iżda fit-30 ta' dak ix-xahar l-attriċi talbet ir-revoka ta' dak id-digriet, għax ix-xogħol ordnat fis-sentenza ma sarx. Għal dan irrisponda l-konvenut fit-2 ta' Awissu 1960, u sostna li x-xogħol kien sar, kif konfermat mill-perit Michael Attard; u allura l-Board, wara li ra dik ir-risposta, u "peress li kuntrarjament għal dak li hu espost fir-rikors, il-kontroparti ottemperat għad-deċiżjoni ta' dak il-Board", ċaħad it-talba. U fuq dan saret il-proċedura odjerna;

Illi, premessi dawn il-fatti, jeħtieġ li tiġi nterpretata s-sentenza fuq miġjuba tal-Board; għaliex minn din l-interpretazzjoni tiddependi s-soluzzjoni tal-punt jekk il-kon-

venut għamelx jew le x-xogħol li mill-eżekuzzjoni tiegħu kien jiddependi l-akkoljiment tat-talba tiegħu għar-ripreża tal-pussess tal-fond okkupat mill-attriċi;

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-lokuzzjoni wżata f'dik is-sentenza hija ċara. L-obligu mpost lill-konvenut huwa mhux li jirranġa, imma li jibni, gabinett tal-injam, u dan għal ebda skop ieħor ħlief biex id-W.C. ma jibqgħax mikxuf, u loġikament mhux rigward il-vaska "ut sic", li jekk il-mikxufa ma tikkostitwix inkonvenjent, imma rigward il-persuna li jkollha tisserva bid-W.C. Ma għandux jintnesa li l-Board eżiġa, fid-dispożittiv, li l-fond offert lill-attriċi jkun "available" għall-abitazzjoni tagħha u tal-familja; u dan fis-sens mogħti mill-ġurisprudenza, li l-inkwilin ikun jista' jidħol fih taħt il-kondizzjonijiet ordinarji li taħthom kwalunkwe inkwilin jidħol f'dar li tiġi lilu mikrija (Kollez. XXXIV-I-63). Lanqas għandu jintnesa li l-fond irid ikun ukoll "reasonably suitable", jiġifieri jkollu l-eżiġenzi primarji u fondamentali ta' iġjene u ta' saħħa tal-inkwilin (v. App. Civ. 12.12.1958 in re "Farrugia vs. Caruana"), jiġifieri l-fond irid ikun jgħodd għalieh anki għal dak li hu sura (art. 10(b) Kap. 109). Issa, il-perit ġudizzjarju fir-relazzjoni tiegħu ssottometta, "inter alia", illi "il-friskatur tad-W.C. qiegħed f'gallarija mikxufa, huwa magħluq ġewwa gabinett tal-injam li mhuwiex magħmul biex iżomm il-persuna mistura fil-waqt li tisserva fil-bżonnijiet normali tagħha"; u mbagħad ikkonkluda illi "mhuwiex possibbli illi l-friskatur fil-pożizzjoni tiegħu isirlu gabinett biex iżomm persuna li qegħdha tagħmel użu minnu kompletament mistura, tant għall-ħaba kemm għall-kurrenti tal-arja, u komoda". Minn dan jidher illi x-xogħol impost fis-sentenza "de qua" ma sarx; u jekk ma jistgħax isir, il-konsegwenzi ma għandhiex tbatihom l-attriċi;

Illi din ukoll kienet il-fehma tal-konvenut meta obliga ruħu li "jibni" gabinett tal-injam għad-W.C. skond il-verbal, quddiem il-Board, tal-5 ta' Mejju 1960. Difatti allura x-xogħolijiet li jeżistu attwalment kienu ġa saru spontaneament per mezz ta' ħuh Carmelo Spiteri, appena ħames tijiem fuq li kien sar l-eżami tal-fond mill-membri tekniċi tal-Board (fol. 34), jiġifieri fix-xahar ta' Marzu, mentri

l-konvenut assuma l-obligu li jibni l-gabinett fil-5 ta' Mejju 1960, kif ġa ngħad, u b'hekk wera li x-xogħolijiet li kien għamel ma kienux biżżejjed;

Illi anki rigward ix-xogħolijiet li saru, dawn ma humiex kollha skond ir-regolamenti sanitarji; difatti, it-tieqa tad-W.C. ma għandhiex id-dimensjonijiet rikjesti mill-liġi, u jonqsu wkoll żewġ ventilaturi (v. depożizzjoni Alberto Cardona fol. 54);

Illi minn dan li ntqal jidher li l-kondizzjoni mposta lill-konvenut fis-sentenza tal-31 ta' Mejju 1960, almenu għar-rigward tad-W.C., ma ġietx mill-konvenut adempjuta; għalhekk il-mandat ta' żgumbrament maħruġ mill-Board fuq id-dikjarazzjoni li x-xogħol ġie magħmul skond dik is-sentenza ġie ottenut orrettizjament, u għalhekk l-ewwel domanda, bażata fuq dan il-motiv, hija sostnuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq it-tieni domanda;

Illi, għalkemm il-konvenut irtira l-eċċezzjoni tal-irritwalità tat-talba, issottometta illi l-attriċi ma talbetx, kif kien imissha, ir-revoka tad-digriet fuq imsemmi mogħti mill-Board fit-3 ta' Awissu 1960. L-attriċi, però, sewwa rrilevat li talba simili ma kienetx indispensabbli; għaliex hija talbet ir-revoka tal-mandat "ut sic,', minħabba nullità bażata fuq orrezzjoni, u li f'każ ta' eżitu favorevoli ta' din it-talba l-atti li saru fuq dak il-mandat kienu wkoll bla ebda effett — "quod nullum est nullum producit effectum". Konsegwentement anki din l-eċċezzjoni qegħdha tiġi respinta; bl-ispejjeż;

Illi din it-tieni talba, jekk anki kienet meħtieġa in vista tan-nullità tal-mandat, hija relattiva għall-ewwel domanda, u bħala tali tista' tiġi provvduta minn din il-Qorti (Kollez. IV, 201);

Rat in-nota tal-appell, u l-petizzjoni tal-konvenut Spiteri, li biha talab li din l-Onorabbli Qorti jgħoġobha tirre-

voka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-13 ta' Awissu 1960, u t-talbiet tal-attriċi jiġu miċħuda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

*Omissis;*

Rat fol 78 in-nota tal-appellant, li biha llimita l-appell għall-meritu;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-kliem tas-sentenza tal-Board, fis-sens li r-rikorrent kellu "jibni gabinett tal-injam biex id-W.C. ma jibqgħax mikxuf" ma jistgħux jiġu loġikament interpretati xorta oħra ħlief fis-sens tas-sentenza appellata. Il-kliem "W.C." tfisser l-ambjent "kollu" ta' dak li wieħed jintendi komunement b'loki komodu, u mhux, kif azzardatament qed jippretendi l-appellant, il-vaska biss;

Jekk, imbgħad, biex isir dak li ordnat is-sentenza tal-Board, jeħtieġu, għall-eżiġenzi sanitarji, xi xogħolijiet oħra bħal ma jistgħu jkunu dawk ta' xi estensjoni jew allargament tal-gallarija in parti, allura dawn ix-xogħolijiet awżiljari għandhom neċessarjament jiġu wkoll ritenuti kompriżi fis-sentenza tal-Board. Din il-Qorti mhijiex qegħdha tqies id-depożizzjoni tal-perit tal-Board Arkitett Vassallo, għaliex tirritjeni inammissibbli l-produzzjoni ta' membru ta' tribunal jew Qorti biex jagħti nterpretazzjoni ta' deċiżjoni li jkun ħa parti fiha. Kieku dan kellu jiġi ammess, kienet tiġi ntralċjata, anzi serjament kompromessa, l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. F'dan is-sens tidher li hija wkoll il-ġurisprudenza u dottrina ngliża (Phipson, The Law of Evidence, 1942 edit., p. 183; Stephen, Digest of the Law of Evidence, 1930 edit., p. 128; Powell, 1910 edit. On Evidence, p. 98; Taylor, On Evidence, Vol. I, p. 666, para. 938, 1906 edit.);

Għalhekk tiddeċidi billi, prevja adozzjoni tal-motivi tas-sentenza appellata, tirrespinġi l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant.